MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 137/2009

**Printline Quality Printers Limited**
**C-25727**
**vs**
**Neil Jarrett**
**ID264500-(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenut qieghed jintalab is-somma ta’ tmien mija u tmien Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€808.47c) rapprezentanti nofs il-paga li kien imissha tithallas dwar iz-zmien ta’ l-avviz tat-temm ta’ impieg ai termini tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema avviz ta’ temm ta’ impieg l-intimat Neil Jarrett naqas milli jaghti lill-principal tieghu s-socjeta’ Printline Quality Printers Limited (C25727) meta l-intimat ittermina l-impieg tieghu unilateralment fis-27 ta’ Novembru 2007; liema somma baqghet ma thallsitx mill-intimat minkejja li gie interpellat jaghmel dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghax legali mis-27 ta' Novembru 2007 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Frar, 2009 (Dok. A) u tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru ipprezentati kontestwalment ma' dan l-avviz, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet: a. Illi t-talba hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sena. b. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess mhux minnu li l-konvenut ittermina l-impieg tieghu unilateralment fis-27 ta' Novembru 2007 izda kienet l-istess socjeta' attrici li tterminat il-kuntratt lil konvenut minghajr ebda raguni valida fil-ligi, haga li hija ammessa minn l-istess socjeta' attrici meta fuq l-intervent tad-Direttur tax-Xoghol, s-socjeta' attrici ammettiet li kienet hija li tterminat l-impieg u halsitu dak li kien intitolat ghalih skond il-ligi. c. Illi d-Direttur tax-Xoghol jew rapprezentant tieghu fosthom Jonathan Balzan jista jikkonferma dan. d. Illi tant mhux minnu dak li qed tikkontendi s-socjeta' attrici, li bhala persuna li ghandu familja b'tarbija ta' xahrejn u mara ma tahdimx, zgur li ma setghax, lanqas kieku ried, jabbanduna l-uniku impieg li kellu. e. Illi sahansitra huwa dam kwazi hmistax bla xoghol sakemm sab xoghol alternattiv. f. Illi effettivament fl-20 ta' Novembru 2007 ghal habta tas-2pm, u dan wara seba snin li kien ilu hemm, s-socjeta' attrici nehhiet l-electric kettle li kellhom erba snin ghax ma rieditx lil haddiema jaghmlu te jew cafe' waqt gurnata xoghol, u certu Mark Portelli mis-socjeta' attrici qallu biex jitlaq tant li hareg mieghu mill-compund tax-xoghol sal-bieb ta' barra. g. Illi kien ghalhekk li d-Direttur tax-Xoghol ta lil konvenut ragun u s-socjeta' attrici kkumpensat lill-konvenut tal-paga, bonuses ecc. kollha. h. Illi dan juri bic-car li mhux minnu li l-konvenut ittermina l-impieg u ghalhekk ma ghandu jaghtiha xejn. h. Salv risposti ulterjuri. j. Illi huwa ma ghandux ibaghti spejjez.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, fejn il-konvenut talab illi l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza, stante illi huwa ta' nazzjonalita' Ingliza.

Ra li ghalkemm ix-xhieda li nghatat f'dawn il-proceduri u l-provi li gew imressqa saru bil-lingwa Ingliza, madanakollu, l-verbali u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet huma lkoll bil-lingwa Maltija, bl-eccezzjoni tal-verbal tas-seduta tat-22 ta' Settembru 2009 u dak tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2009, li huma bil-lingwa Ingliza.

Ra l-verbal tat-22 ta' Settembru 2009, li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti talbet korrezzjoni fl-avviz tat-talba in kwantu d-data indikata bhala s-27 ta' Novembru 2007 ghandha taqra bhala 20 ta' Novembru 2007.

Ra r-rikors tal-konvenut, datat 11 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu talab illi jigi awtorizzat li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri. Ra d-digriet datat 12 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie awtorizzat sabiex jipprezenta din in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, naqas milli jaghmel dan; madanakollu, fl-istess rikors l-istess konvenut indika illi kien qed jitlob illi jressaq eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas lura, minghand il-konvenut, tas-somma ta' tmien mija u tmien Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€808.47c), li tirraprezenta nofs il-paga li thallset mis-socjeta' attrici lill-konvenut, u dan ghall-perjodu ta' tmien-(8) gimghat, li jirraprezenta z-zmien tal-avviz stante li l-konvenut, allegatament, telaq mix-xoghol fl-20 ta' Novembru 2007.

Illi ghalkemm ma giex verbalizzat illi l-partijiet kienu qed jiftehmu illi ghandhom jitressqu l-provi kemm dwar l-

eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni, u anke dwar il-mertu, u li ghandha tinghata decizjoni wahda dwar kollox, madanakollu, mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-provi li tressqu kienu limitatament dwar l-eccezzonijiet dwar il-preskrizzjoni, izda anke dwar il-mertu. Illi minkejja f'dan, jehtieg illi l-ewwel tigi deciza l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi ghalkemm il-konvenut, fir-risposta tieghu indika l-perjodu preskrittiv applikabbli ghall-mertu odjern bhala wiehed ta' sena, madanakollu, naqas milli jindika l-provvediment tal-ligi hekk applikabbli. Illi l-unika referenza specifika li saret mill-konvenut ghall-proveddiment tal-Ligi applikabbli, saret fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2010, fejn gie indikat l-Artikolu 47 (1) tal-Kap 452; madanakollu, f'dan l-istess verbal gie dikjarat illi l-konvenut kien qed **jirrinunzja** ghall-applikabilita' ta' tali artikolu tal-Ligi ghall-kawza odjerna; illi sussegwentement, fi stadju inoltrat tal-proceduri, meta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, l-istess konvenut - fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu - ddikjara li t-terminu preskrittiv ta' sena huwa applikabbli taht il-provvedimenti tal-Artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma indika s-subinciz relattiv.

Illi l-istess jinghad f'dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni li l-konvenut **talab** li jigi awtorizzat li jipprezenta. Ghalkemm fir-rikors relattiv (a fol. 90 tal-atti) indika li xtaq iressaq eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni, u dan taht l-Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba giet milqugha, madanakollu, l-istess konvenut naqas milli; (i) effettivament jipprezenta risposta/nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, u (ii) jindika liema subinciz tal-Artikolu tal-Ligi in kwistjoni huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi ghalhekk mill-atti processwali jirrizulta illi r-referenza ghall-provvedimenti tal-Ligi dwar preskrizzjoni applikabbli ghal kaz in ezami gew identifikati mill-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tieghu, u dan lanqas b'mod konkret u komplet, ghaliex fiz-zewg referenzi, naqas milli jispecifika s-subinciz relattiv. Illi kif gie rilevat mis-socjeta'

attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, huwa stadju wisq inoltrat tal-proceduri sabiex wiehed jindika l-Artikolu tal-Ligi applikabbli, ghaliex l-istadju tal-provi tal-partijiet kien gie dikjarat mghaluq, u jkun ta’ pregudizzju ghall-parti l-ohra jekk it-Tribunal jiehu konjizzjoni ta’ tali eccezzjoni fi stadju daqstant avanzat tal-proceduri.  Illi l-insenjament tal-Qrati taghna in materja huwa konsistentement illi din it-tip ta’ eccezzjoni ghandha tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli; isegwi, ghalhekk, illi l-fatt illi gie indikat it-terminu preskrittiv, minghajr ma gie indikat specifikament l-Artikolu tal-Ligi, iwassal sabiex tali eccezzjoni ma tistax tigi kkunsidrata, u konsegwentement akkolta.

Illi f’dan ir-rigward qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** deciza fit-2 ta’ Gunju 2005, fejn gie ritenut illi; “*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta’ indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. ... Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta’ indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.*”

Illi fid-dawl ta’ dan l-insenjament, it-Tribunal ma jistax minn jeddu jasal ghall-konkluzjoni illi qed jigi invokat xi sub-inciz specifiku ta’ Artikolu specifiku tal-Ligi, u allura necessarjament isegwi illi n-nuqqas tal-konvenut li jindika specifikament is-subiniciz tal-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, iwassal sabiex tali eccezzjoni ma tistax tigi kkunsidrata.

Illi ghalhekk it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Illi fil-mertu, irrizulta illi l-konvenut kien ilu impjegat mas-socjeta’ attrici ghal diversi snin, u cioe’ mill-21 ta’ Lulju 2003 sal-20 ta’ Novembru 2007, u ghal perjodu iehor ta’ madwar sentejn qabel Jannar tal-2003. Illi fil-jum tal-20 ta’ Novembru 2007 inqala’ dizgwid fuq il-post tax-xoghol bejn il-konvenut u wiehed mid-dirigenti tas-socjeta’ attrici, dawn tlewmu, bil-konsegwenza illi l-konvenut telaq minn fuq il-post tax-xoghol, u ma rritornax lura. Illi s-socjeta’ attrici qed issostni illi l-konvenut telaq minn jeddu, minghajr ma ta l-avviz rikjest mil-Ligi, filwaqt illi l-konvenut qed isostni li tkecca. Irrizulta wkoll illi s-socjeta’ attrici kien fadlilha thallas lill-konvenut xi parti mill-paga tieghu, u skond id-direttur tas-socjeta’ attrici, huma wettqu tali hlas peress illi intervjenew fil-kaz ufficjali mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta’ l-Impieg, li avzawh li kienu ser jittiehdu passi fil-Qorti fil-konfront tieghu. Illi tali hlas gie mwettaq f’Jannar 2009, permezz ta’ cheque datat 20 ta’ Jannar 2009 (a fol. 35). Illi l-istess socjeta’ attrici ssotni wkoll illi meta wetqet tali hlas, dan sar minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha li titlob rizarciment minghand il-konvenut ta’ kwalunkwe ammont li jista’ jkun dovut mill-istess konvenut, u dan kif jirrizulta minn ittra datata 29 ta’ Jannar 2009 (a fol. 34).

Illi mill-kopja tal-file ezebiet mir-rapprezentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta’ l-Impieg jirrizulta illi l-konvenut ressaq l-ilment tieghu ma’ dan id-Dipartiment madwar gimgha wara li nqalghet it-tilwima bejn il-partijiet, u fil-fatt saret spezzjoni minn Ufficjal mibghut minn dan id-Dipartiment fl-istabbiliment tas-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Novembru 2007. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax illi fil-frattemp kien hemm xi tentattiv ta’ ravvicinament bejn il-partijiet kontendenti, la minn parti u lanqas minn ohra, u l-konvenut mill-ewwel avvicina lid-Dipartiment koncernat sabiex javvicinaw lill-principal tieghu, bil-ghan illi jircievi l-paga dovuta lilu. Illi jidher, ghalhekk, illi meta l-konvenut avvicina lill-istess Dipartiment, li kien jinteressah huwa li jigbor il-paga dovut lilu, u mhux li jitlob *re-instatement* fix-xoghol tieghu, kif kien ikollu d-dritt li jitlob li kieku gie mkecci mix-xoghol, u jekk tali terminazzjoni kienet tirrizulta bhala wahda ingusta. Illi dan qed jinghad fid-

dawl tal-minuti rizultanti mill-file ezebiet mill-istess rapprezentant tad-Dipartiment. Illi fil-fatt, eventwalment, il-konvenut thallas dak li kien dovut lilu, sab impieg ma' socjeta' ohra, u qatt ma ressaq azzjoni ghal terminazzjoni ingusta mill-impieg tieghu fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk, u fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-mod kif gab ruhu l-konvenut, u cioe' li ma marx aktar ghax-xoghol, u lanqas ma jidher li ndaga u vverifika mas-socjeta' attrici dwar l-istat tal-impieg tieghu (l-istess konvenut iddikjara illi d-direttur tas-socjeta' attrici qallu li kien "...*suspended until further notice...*"), jew b'xi mod legittimu kkontesta d-decizjoni tal-principal tieghu, lkoll jindikaw illi d-decizjoni li ma jirritornax ghax-xoghol kienet decizjoni li hada hu, u mhux li tkecca, kif qed jallega. Illi fil-fatt l-istess konvenut fl-affidavit tieghu ddikjara li d-direttur tas-socjeta' attrici kien qallu li kien qed jigi "*suspended*", u mhux terminat, l-impieg tieghu. Illi ladarba l-konvenut ma ghamel ebda tentattiv sabiex jirritorna lura x-xoghol, allura fil-fehma tat-Tribunal, hu uza din l-okkazjoni sabiex jitlaq mill-impieg tieghu minn mas-socjeta' attrici.

Illi jsegwi ghalhekk, illi l-konvenut kellu jew jahdem iz-zmien tan-*notice*, jew ihallas lura somma ekwivalenti ghal nofs il-paga ta' tmien-(8) gimghat, kif qed jintalab in forza ta' din l-azzjoni, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 36(5) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal huwa, madanakollu, tal-fehma illi kien hemm nuqqas ukoll f'din il-kwistjoni da parti tas-socjeta' attrici, li ghalkemm sostniet li ma keccietx lill-konvenut, u ghalhekk ma tterminatx l-impieg tieghu, lanqas ma bghatet ghalih meta rat li baqa' ma dahalx ghax-xoghol. Illi l-istess socjeta' attrici donnha accettat dan l-istat ta' fatt, li l-impjegat ma regghax dahal lura ghax-xoghol, minghajr ma hadet ebda mizura sabiex is-sitwazzjoni bejnha u l-impjegat taghha tigi kjarifikata u regolarizzata. Illi da parti taghha s-socjeta' attrici ma hadet ebda inizzjattiva dwar din il-kwistjoni, la sabiex titlob lill-konvenut jirritorna lura x-xoghol – u b'hekk tittermina l-allegat sospensjoni tieghu – u lanqas ma ghaddiet sabiex tittermina ghal kollox l-

impieg tieghu minn maghha. Illi t-Tribunal iqis tali nuqqas ta' azzjoni da parti tas-socjeta' attrici bhala fattur determinati ghal jekk ghandhix tigi akkolta, jew le, it-talba tas-socjeta' attrici.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm nuqqas da parti taz-zewg partijiet kontendenti, u dan in kwantu kull parti naqset milli tipprocedi b'mod korrett meta nqalghet il-kwistjoni bejniethom, u li ghalhekk ghandhom it-tnejn jirrispondu ghan-nuqqasijiet taghhom. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex *arbitrio boni viri* jillikwida ammont, pagabbli mill-konvenut lis-socjeta' attrici, li jirrifletti kumpens xieraq ghall-avviz ta' temm ta' impieg, tenut kont illi s-socjeta' attrici naqset milli tikkjarifika l-posizzjoni taghha mal-impjegat taghha, il-konvenut, dwar l-istat tal-impieg tieghu, liema ammont qed jigi likwidat fis-somma ta' erba' mija u erba' Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€404.23c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, inkluz l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, jilqa' in parte t-talba tal-istess socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erba' Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€404.23c), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------